BAZILIKA SAN GORG

Novena tal-Milied 1986

Hsebiliet qhall-qabel il-Benedizzioni PERSONAGGI

.....

1 JUM..... Iz-Zies ta' Betlem

2 JUM..... L-Anglu

3 JUM..... Ir-rghajja

4 JUM..... Erodi

5 JUM..... L-Innocenti

6 JUM..... Il-Magi

7 JUM..... San Guzepp

8 JUM..... Marija, Omm Gesu'

9 JUM..... Gesu' Tarbija

Titkanta l-Alma u jigi espost is-SS.mu Sagrament
Ftit waqtiet fis-skiet
Jinqara l-hsieb minn tlett persuni
Ftit waqtiet fis-skiet
Barka Sagramentali

BAZILIKA SAN GORG

Novena tal-Milied 1986

Hsebijiet ghall-qabel il-Benedizzjoni: PERSONAGGI

.....

Hawnhekk ghandnadisa' hsebijiet qosra li permezz taghhom wiehed ikun jista' jieqaf jahseb ftit dwar il-grajja tal-Milied li ghaliha ahna nkunu qeghdin nit-hejjew matul in-novena tal-Milied.

Dawn il-hsebijiet saru bil-ghan li meta nahsbu fuq il-Milied ma nieqfux biss mal-grajja li sehhet elfejn sena ilu; izda irridu nifhmu li anke fiz-zmenijiet ta' llum bosta problemi li maghhom ikollu jhabbat wiccu l-bniedem, isibu soluzzjoni taghhom propju fil-grajja tal-Milied.

Kull hsieb huwa mqassam fi tlett partijiet: l-ewwel parti jitkellem il-personagg magheul ghal dik il-lejla. Imbaghad fit-tieni parti jitkellem personagg mid-dinja ta' llum, li juri l-problemi tieghu. Fl-ahhar parti jwiegeb Gesu' li jaghti twegiba ghal kull mistoqsija li jqieghed il-bniedem.

Dawn il-hsebijiet inkitbu bil-ghan li jsiru fil-Parrocca Bazilika ta' San Gorg, fin-Novena tal-Milied ta' sena 1986, wara l-quddiesa u qabel il-Benedizzjoni Sagramentali. Jistghu jinqraw minn irgiel kif ukoll minn nisa. Importanti li t-twegiba ta' Gesu' tinghata fuq il-loudspeaker, minghajr mal-qarrej li jkun jaqraha jkun jidher.

12/11/86
Victoria

Mons. Salv Borg
Arcipriet

BAZILIKA SAN GORG

Novena tal-Milied 1986

Hsebijiet ta' qabel il-Benedizzjoni: PERSONAGGI

.....

1 Jum: IN-NIBS TA' BETHLEM

Ragel: Gesu' imma x'fettillek meta gejt thabbtilna fuq il-bieb tad-dar taghna, inqdejt b'ommok Marija u bil-Missier putattiv tieghek San Guzepp?. Ahna x'tort ghandna li ma gharafniekx?

Meta marti marret tiftah il-bieb, kulma sabet quddiemha kienu mara u ragel, mgezwrin fi ftit hwejjeg tax-xitwa, hi sserrah ma' hmara, bla sahha, ghajjiena. Ir-ragel ma kienx ahjar minnha. Hu ukoll kien ghajjien.

Talabha ddahhalhom id-dar: izda min kien ser idahhal f'daru mara fl-ahhar hinijiet tat-tqala?. Min irid joqghod jitwikka bix-xoghol zejjed li tarbija gdida iggib maghha? Imbaghad nerga' nghid, ma konniex nafu li kont hemm int. Ghax kieku mhux talli konna ndahhluk gewwa, izda, kont anke norqod barra jien biex int titwieled gewwa dari.

Mara: Gew ihabbtuli l-bieb. Iriduni naghtihom l-ghajnuna. Jiena mhux ghax ma rridx, imma dawn min jafhom? Zewg zghazagh mohh ir-rih, b'xaghrhom imhabbel. Hwejjighom ma nafx x'taqbad tghid dwarhom.

Riedu jidhlu jistkennu gewwa, u jieklu bukkun. Jien mhux biex ma nghinhomx, imma jekk huma hallelin u jisirquni? Imbaghad x'niehu? Barra minn hekk, il-lejla ghandhom jigu l-hbieb ta' zewgi. X'jghidu jekk jarawhom hawnhekk? Jien tajthom lira biex imorru jixtru xi haga, izda donnhom din il-haga ma ghogbithomx. Ghaliex, hux, Mulej, ma dehrux kuntenti? U kemm issikkawni. Kelli kontra qalbi nkeccijhom minn wara biebi. Sa bil-pulizija heddidthom.

Gesu': Habbatlek u ma ftahtlix; sejjahtlek u ma wegibtnix; tlabtek xi haga u ma tajtni xejn. Iggibx skuzi li ma gharaftnix. Billi wara biebek kien hemm ommi u Guzeppi, allura ma messekx ftaht? U billi wara biebek int rajt zewg zghazagh lebsin hazin ma stajtx issoponejt li kont jien li qed inhabbattlek? Mela insejt li jien kont ghidtilkom: "Kull haga li intom taghmlu ma' xi hadd madwarkom jiena nqisha maghmula mieghi" ? X'valur fiha li lili tilqaghni u lil dawk li huma tieghi ma tilqaghhomx? Jiena ninsab f'kull persuna li thabbat wiccek maghha; jien ninsab f'dak li jdejqek bi kliemu, jiena qieghed f'dik li terfaghlek salibek, fl-ohra li tpacpac, fl-iehor li jsallbek. Jekk trid toghgobni, ilqani fihom: ilqa' lilhom kif inhuma u jien nitwieled fik.

BAZILIKA SAN GORG

Novena tal-Milied 1986

Hsebijiet ta' qabel il-Benedizzjoni: PERSONAGGI

.....

2 Jun: L-ANGLU

1 Vuci: Narak tittajjar fuq il-grotta ta' Betlem, u nhossni nghir ghalik: kellek ix-xorti li tkun daqshekk qrib dak li kien gie biex isalva lill-bnedmin kollha minn kull dnub. Min jaf x'ferh kien isaltan dak in-nhar. Shabek l-angli l-hra isellmu lit-Tarbija li kienet ghadha kif twieldet, u jghollu lehinhom biex itennu l-kelmiet: Glorja l-Alla fil-gholi tassmewwiet u paci fl-art lill-bnedmin ta' rieda tajba.

Anglu: Hadd minna ma jista' jfisser il-ferh li hakem lilna f'dak il-lejl qaddis. Id-dlam li kien ilu jsaltan fuq il-bniedem kien issa tilef setghetu, u dawl kbir kien idda fuq id-dinja. Il-fidwa tal-bniedem kient imbdiet. X'ma nifirhux, jiena u shabi kollha meta niftakru li l-bniedem li kien miggieled ma' Alla, issa kien qed jara l-maKfra u l-fidwa daqstant fil-qrib. Izda ahna mhux biss frahna u kantajna, izda ukoll kelna missjoni. Ilkoll kemm ahna konna habbara: riedna nwasslu l-ahbar it-tajba lil kulhadd. U grejna fuq l-gheliegi biex nghidu lir-rghajja, u ghollejna lehinna biex inwasslu l-messagg ta' paci lil kulhadd.

Gesu': Jien gibt il-paci fid-dinja: u ghidt biha lil kulhadd. Inqdejt bl-angli tieghi biex mill-grotta ta' Betlem jghiduha malerbat irjieh tad-dinja. Izda l-paci ma saltnitx fil-qalb tal-bniedem. Fil-qalb tieghu l-bniedem baqa' jbejjet il-mibgheda;f'qalbu zergha l-ghira u l-firda, u ma rahiex bi kbira li jiggieled u jgelled.

Jien gejt fid-dinja u gibt il-paci, u tajtha lill-appostli tieghi, izda l-istedina tieghi baqghet ma instemghetx; sabet art iebsa li ma laqghetiex.

Intom tridu l-paci, titkellmu fuq il-paci, minghalikom qed tissalbu ghall-paci. Kemm laqghat, u konferenzi, kemm mexxejja kbar minghalihom li huma biss jista' jiddispensaw mill-paci: boloh li huma. Ara ftit x'qal fuqi Sant Wistin: Dak ukoll f'hajtu fettex il-paci fid-dinja, izda ma sabha imkien. Sabha biss meta qalbu striehet f'qalbi.

Ghalhekk l-angli tieghi huma dejjem kuntenti; ghalhekk ghadhom sal-lum jinzgu l-ghanja ta' paci fuq kulhadd, ghax huma marbuta mieghi, huma jhobbuni, uhuma jghixu fija: u min jghix fija jghix kuntent, u l-paci ssaltan fih u f'niesu kollha.

BAZILIKA SAN GORG

Novena tal-Milied 1986

Hsebijiet ta' qabel l-Benedizzjoni: PERSONAGGI

.....

3 JUM IR-RGHAJJA

1 Vuci: Ahna nies foqra u ma ghandniex ghaxja ta' lejla. Il-merhla li fuqha qed nghassu mhix taghna, izda tawhielna biex niehdu hsiebha u naraw li ma jigrilha xejn. Ta' fuqna senduqna: nies ta' bla skola, semplici; nies horox li trabbejna ghomorna u zmienna inqattghu bi snienna. In-nixfa tal-jum u l-ksieh kiefer tal-lejl ghamel minna bnedmin zorri, b'qalb xierfa, u b'bixra ta' qattaghni. Izda meta wiehed jinzel fil-fond u jcarrat il-gilda tal-wicc, hemmhekk isib qalb; qalb thabbat b'imhabba sinciera, qalb semplici li ma tafx b'mibgheda, qalb lesta li thobb lil kull min jersaq lejja.

2 Vuci: Ahna nies ta' bla skola izda ghalina Alla jigi l-ewwel u qabel kollox. Ghalkemm kotba ma qallibniex b'idejna, izda ftahna widnejna biex smajna l-kelma t'Alla, u emminniha. Ahna midhla tal-knisja; izda ma ghandna xejn izjed. Ahna nies semplici li nahdmu u nistriehu, li nieklu u nixorbu, li nhobbu u ninhabbu, nies li dejjem ftahna ghajnejna biex naraw is-sinjali taz-zmenijietna. U nistghu nghidu li qatt ma tqarraqna. Il-messaggi li Alla ghogbu jwasslilna bil-mistri tieghu, dejjem accettajnihom, bla ebda tlaqliq. U ghalhekk gejna hawn il-lejla, ghax ahna perswazi li Gesu' ghandu xi haga x'jghidilna.

Gesu': Kemm niehu gost nitkellem maghkom: intom nies semplici li lesti taccettaw il-kelma tieghi. Kieku tafu kemm isserhuli il-qalbi kull meta narakom mitfugha gharkobtejjkom quddiemi, kull l-ewwel gimgha tax-xahar, kull sibt tax-xahar, kull darba li thossu li ghandkom tigu zguruni.

Nisthajjilkom ir-rghajja fqajjra u ckejkna ta' Betlem: dawk ukoll hallew kollox u gew jadurawni. Ma kelli x'noffrilhom xejn fid-deher, izda xorta wahda gew. Gew u kellmuni, gew u adurawni, gew u gabuli maghhom ir-rigali ckejknin taghhom.

Ghalhekk niehu gost narakom quddiemi. U ghalhekk jiena lil Missier kont raddejtlu hajr li hwejjeg bhal dawn kien hbihom lill-min hu gharef u lil min jifhem u gharrafhom lil min hu ckejken. Imberkin intom il-fqar fl-ispirtu, ghax taghkom hi is-saltna tas-smewwiet. J'Alla nibqghu niltaqghu, j'alla nibqghu ninhabbu, j'alla ma jghaddix jum wiehed li fih ma niltaqghux flimkien biex nuru mhabbitna lejn xulxin.

BAZILIKA SAN GORG

Novena tal-Milied 1986

Hsebijiet ta' qabel il-Benedizzjoni: PERSONAGGI.

.....

4 JUN: ERODI

Erodi: Gesu' ckejken tarbija, ma nafx kemm ilni ngerger kontra xortija. Ghaliex kelli nkun nghix propju fiz-zmien li twelidt int. Ara, kieku kont nghix anke ftit snin qabel ma kienx jigrili li grali. Jien x'tort ghandi jekk gara dak li gara? X'Tort ghandi li bzajt li nitlef is-saltna? Min hu dak ir-Re li jiehu gost jara lil tarbija ckejkna, ghandha anqas biss twieldet u imbaghad diga qeghda tkun ta' periklu ghalih, ghaliex ser tahtaflu s-saltna? Imbaghad fl-ahhar mill-ahhar int meta kbirt ghidt lin-nies li s-saltna tieghek ma kienitx saltna ta' din id-dinja. Kieku kont naf ma kontx naghmel dak li ghamilt. Ma kellix triq ohra. Jew jien jew int, u ghazilt li nkun jien li nibqa' nsaltan.

Vuci: Imma x'wiec kellu Erodi, Go jaghmillek hekk? X'qalb kellu biex hammar idejh bid-demm ta' tant innocenti? Kif jghama il-bniedem?!? Ma nafx b'liema wiec irid jidher quddiemek? Xi skuza ser igiblek. Aghar minnu zgur qatt ma kien hawn fid-dinja u l-anqas ikun hawn. Possibbli setgha jorqod kwiet wara dak kollu li ghamel? U jahasra,xorta wahda ma rnexxilux jilhaq l-iskop tieghu. Ried joqtol lilek, u int bqajt issaltan. Dak zgur li ma kienx bniedem, izda xitan.

Gesu': Ghaliex qieghed titkaza, habib, b'Erodi. Erodi kien bniedem, u kellu ukoll qalb. Izda ma gharafx irazzan il-kilba li kellu biex jibqa' jsaltan. Mohhu ddallam u ghamel dak li ghamel. M'inhiex qieghed niskuzah: id-dnub tieghu huwa tassew ikreh u sewa hafna ghall-imsejkna familji li tilfu lil binhom minhabba f'Hekk.

Izda ghaliex qed tistaghageb, habib: forsi mhux erodi ohra cappssu jdejjhom huma ukoll bid-demm ta' huthom il-bnedmin. Insejthom il-kampijiet ta' koncentrament, il-gwerer fil-Vjetnam l-Irlanda, il-Lebanon, in-Nikaragwa, l-Iran u l-Iraq...mhux bnedmin li joqtlu bnedmin ohra?

Ghaliex qed tistaghageb habib:, mela insejt li dik l-omm ghalkemm tajtha qalb li thobb, ma rathiex bi kbira li taghmel l-abort u qatlet lil binha?. Lil binha, fhimt: mhux semplicement bniedem, qatlet lil binha, demmha stess, lahamha. U ghalfejn? Biex tibqa' zzomm xi saltna? Le, izda biex tghatti dnubha.

BAZILIKA SAN GORG

Novena tal-Milied 1986

Hsebijiet ta' qabel il-Benedizzjoni: PERSONAGGI

.....

5 JUM L-INNOCENTI

Tifel: O Gesu' ckejken tarbija, il-festa tat-twelid tieghek, tfakkar ukoll il-festa taghna. Ghalkemm ckejknin, u bla ebda raguni, ghalkemm dghajfa u bla ebda sahha, ahna sirna martri daqs l-ikbar martri tal-Knisja. Carcarna dommna, meta anqas biss konna ghadha nafuk. Sibna ruhna mahtufa minn dirghajn ommna, u hassejna ix-xabla kiesha tinfidna. Weggghajna, Gesu', u l-laham ckeken taghna iccappas kollu dmija. Issilitna, bil-forzi ckejknin taghna, izda l-idejn godlija tas-sulfati zammewna f'postna. Rajna lill-hajjitna tisfuma u tnin, rajna ruhna tohroğ minn gisimna. Smajna l-karba ta' ommna tithallat mal-ghajta imwegga' taghna ilkoll. Izda ma jisghibieniex. Dak li soffrejna soffrejnih ghalik, u int ma nsejtniex.

Vuci: Ghaliex Mulej, jien grali hekk? X'ghamilt hazin jien biex sibt min gideb fuqi u xlieni. Jiena innocenti. Jien qatt ma ghamilt deni lil hadd. Ghaliex Mulej?, Ghaliex ?

Ghaliex Mulej sibt ruhi mitfugh f'qiegh ta' habs, bla ilbies, bla ikel, bla xejn. Ghaliex sawwtuni u sfigurawni, u sura ta' bniedem ma hallewlix? Ghaliex Mulej, ghaliex?

Ghaliex cahduli d-drittijiet tieghi, u sibt ruhi fis-silg tas-Siberja. X'ghamilt biex sthoqqli daqshekk?

Ghaliex ikkalpestawli l-ghezież tieghi, u pprofonawli l-oqbra ta' niesi?

Ghaliex firduni minn marti u qalu kull gideb fuqi, meta jien innocenti? Ghaliex....ghaliex ???

Gesu': Kien hemm iehor qabbek li gralu bhalek u aghar minnek. Kien hemm iehor li Mlief gid ma ghamilx. Xerred il-manna u l-barka fuq kulhadd, u hlief hars bic-ciera ma' rax. Firex idejh fuq il-morda u fiequ, u huma ftit wara ghollew il-ponn bir-rabja kontra tieghu. U kien innocenti.

Kien hemm wiehed li habb bil-bosta izda baghaduh; kien hemm wiehed li tkellem is-sewwa izda qalu li xewwex u gideb. Kien hemm wiehed li heles mill-irbit lil guvni imxajtan u lilu salbuh ma' l-ehżex salib. Habib. Dak kont jien. U kont innocenti. U xorta sallbuni u xorta qatluni, avolja kont innocenti; tibzax l-importanti mhux x'jghidu huma, l-aqwa x'naghid jien ghalik.

BAZILIKA SAN GORG

Novena tal-Milied 1986

Hsebijiet ghal qabel il-Benedizzjoni: PERSONAGGI

.....

6 JUN IL-MAGI

Magi: Gesu' ckejken tarbija, ahna tlett magi mill-orjent. Kien hemm min sejhilna mgienen, meta sema' dak kollu li ghamilna. Kien hemm min ipprova jirridikolana u qalilna li ahna nies li ridna naghmlu vjagg u gibna skuza bik. Izda ahna konvinti li dak li ghamilna ghamilnih minhabba fik. Int bghattilna kewkba, u ahna dehrilna li ma kienitx xi kewkba tas-soltu. Fettlilna nahsbu li int ridt tghidilna xi haga. U Nrigna nfittxuk. Kull wiehed ghall-rasu, sakemm fl-ahhar iltqajna flimkien u komplejna triqtna lejn il-ghar. Il-kewkba inhbietilna, izda staqsejna dwarek u anke jekk l-ebda twegiba suret in-nies ma' tawna, ma ttajniex qalbna. U bqajna mixjin, sakemm wasalna fil-ghar. U nzilna nadurawk, ghax inti is-sultan tas-sema u ta' l-art, int il-qassis li tqaddes lil bniedem , ghax int il-vittma li kellek issalva lilna ilkoll.

Vuci: Mulej jien ghoddni qtajt qalbi. Nitolbok u ma tismaghnix: inhabbat u ma tiftahlix; insejjahlek u ma twegibnix. Ghaliex inhbejtli? Inhossni li jiena ghandi vokazzjoni, izda irrid inkun certa: ghaliex ma tridx tghidli li jiena vokata? Mhux qed nitolbok xi haga hazina. Issa nhossni nfaejt. Wahdi, dlam madwari. Ghaliex grali hekk? Kwazi kwazi qed nibza' li tlift it-triq? Min ser jghinni?

Gesu': Kemm ghandek fidi zghira. Ma tafx li jiena kont wissejt lil dawk ta' madwari u ghidtilhom li kieku kellhom fidi daqs zerriegha tal-mustarda u jghidu lil din il-muntanja tghaddi minn hawn ghall-hemm kienet tobdihom. Ghaliex qed taqta' qalbek? Min qallek li ma inhiex nisimghek? X'fettillek tahseb li jien abbandunajtek? Tahseb int li jekk jien niehu hsieh ta' daqsxejn ta' ghasfur tal-bejt, ma inhiex ser niehu hsiebek lilek, meta int tant int ghaziza ghalija? Ghaliex ma taghmilx bhal magi: dawk ukoll hargu jfittxuni. Imxew wara kewkba. U meta inhbietilhom ma regghux lura, ma qatghux qalbhom, ma qalhux hlejt hini u gidi, izda staqsew, fittxew, habbtu bibiem, u ttamaw li f'xi hin jew iehor, dak Alla li kien tellghalhom il-kewkba kien jerga' jpogghielhom quddiemhom. U hekk kien. U mxew mill-gdid warajjha. U waslu fil-ghar. U nizlu jadurawni, u lahqu l-iskop tal-vjagg taghhom. Ittama fiha, itlob u irsistiu jien ukoll ghad nerga intellghalek id-dawl li inti tant ghandek bzonn.

BAZILIKA SAN GORG

Novena tal-Milied 1986

Hsebbijiet ta' qabel il-Benedizzioni: PERSONAGGI

.....

7 JUM SAN GUZEPP

S.GUZEPP: O Gesu' ckejken tarbija, jiena ninzel nadurak bil-qima. Ma nistax nemmen lill-ghajnejja. Hawn quddiemi, imqieghed fuq ftit tiben tinsab int, is-sid tas-sidien. Inhossni ninked u nibki fil-fond ta' qalbi meta nara li ma kontx kapaci naghtik dar suret in-nies biex fiha inti tkun tista' titwieled. Izda jiena naf li inti hekk ridt, u ghall-amar u ghax-xewqa tieghek jiena nghidlek ikun kif trid int, o Sid tieghi u Alla tieghi. Jien inbierek iz-zmien li ghamilt gewwa l-ezilju fl-Egittu sabiex Erodi ma jaghmillek xejn. Jien inbierek ix-xoghol iebes li vettaqt fid-dar ckejkna li kellna go Nazareth, ghaliax bil-gharaq ta' gbini jiena qhajt il-hobza ta' kuljum ghalik ghall-ommok Marija u ghalija ukoll. Inbierek il-jiem u snin li ghext ghad-dell tieghek.

Vuci: Jiena haddiem Mulej, u qabel ma titla ix-xemx inkun diga gbidt il-bieb ta' dari warajja u f'dik il-kesha mmur lejn il-post tax-xoghol. U hemm inhabbat wicci ma kull xorta ta' nies: dawk ta' fuqi jkasbruni u jkasbru id-drittijiet fundamentali tieghi; dawk ta' hdejja jdejjquni bit-tpacpic velenuz taghhom: dagk ta' tahti jinkwetawni billi ma jridux jaccettaw dak li nkun ghidtilhom. Bilgri jasal filghaxija, biex nerga' lura lejn id-dar, ghajjien imdejjaq u mweggagha. U imbaghad xi nsib? Forsi jafuhuli niesi u uliedi ix-xoghol li qed naghmel ghalihom? Forsi jirringrazzjawni talli hdimt daqs kelb ghalihom? Le: jghajjruni ghaxien, iriduni nahdem ukoll id-dar. U imbaghad issib min jghidlek li x-xoghol iqaddsek. Min jghid hekk ma jkun hadem hatt.

Gesu': Ix-xoghol, habib, ix-xoghol mhux kastig. Ix-xoghol jerfa' 'il fuq lill-bniedem ż jressqu lejn Alla. Qatt gibt quddiem ghajnejk li int bix-xogho, tieghek qed tkompli dak li beda Alla permezz tal-holqien. Int bil-hidma ta' idek, ta' mohhok qed issebbah, tirfina, tipperfezzjona dak li Alla mar jagrtina fil-bidu ta' kollox. Alla gie bzonnok, habib: possibbli ma thossokx kburi? Alla li halaq id-dinja minghajrek issa jridek tahdem fid-dinja biex ittejjeb u ssebbah kollox. U mela tigi tghidli li x-xoghol qaddis. Guzeppi l-mastrudaxxa ta' Nazareth hadem u stinka: bata' sahansitra l-ezilju, mhux tort tieghu, izda minhabba fija. ghax ried isalvani. Izda hadem kuntent, ghax fehem li bix-xoghol tieghu kien qed jghogob lil Alla. Kuragg, habib, tibzax tahdem u jiena nhallsek ta' dak kollu li taghmel u ta' kemm issofri.

BAZILIKA SAN GORG

Novena tal-Milied 1986

Hsebijiet ta' qabel il-Benedizzioni: PERSONAGGI

.....

8 JUN MARIJA, OMM GESU'

Maria: O Gesu' ckejken tarbija: ibni l-ghaziz li fik jiena nsib il-ghaxqa tieghi: imhares lejk u nhoss qalbi timtela bil-ferh: x'ser naghtih lill-Mulej Sidi ta' dan kollu li hu mar jaghmel mieghi? Hwejjeg kbar huwa wettaq mal-qaddejja tieghu. Habbejtek sa mill-ewwel mument li ssawwart gewwa fija. Habbejtek meta garrejtek mieghi sa ghand qaribti Elizabetta. Habbejtek f'Bethlem meta rajtek quddiemi ghall-ewwel darba. Habbejtek fit-tempju, anke jekk Xmuni l-Profeta habberli dulur liemu bhalu. Habbejtek gos-sikta ta' Nazareth, u habbejtek fil-aghagh tal-folol li kiemu jigru warajk. Habbejtek insallab u habbejtek mejjet. Habbejtek rebbieh fuq il-mewt. Ghax hajti imhabba u jien kolni tieghek. Jien qaddejja tieghek f'kull haga li trid, f'kull haga li tixtieq, f'kull haga li twettaq.

Vuci: Jiena omm li qeghda nitolbok il-lejla: isma'ghna it-tahbita ta' qalbi: qalb mugugha ghax uliedha miggielda flimkien; jien qalbi mugugha ghaliex go darna dahal il-mard u l-ghawdx; jien qalbi imtertqa meta nittakar f'uliedi l-boghod minni f'art barranija fejn marru jaqilghu l-ghajxien. Jien qalbi mugugha, ghax uliedi ma jobdunix, il-kbir inqered mid-droga, it-tifla inqabdet b' tarbija barra mis-swieg; iz-zghir bakmuh jisraq u spicca l-habs. Min jiena jien biex jigrili dan kollu, Gesu', ghidli min jien u x'ghamilt biex kellu jigrili hekk?

Gesu': Int qaddejja tal-Mulej, u lil Mulej inti ghidtlu: ikun minni skond kelmtek. Jien tajtek qalb li taf thobb biex biha int issawwab imhabbtek fuq kollha kemm huma l-bnedmin ta' madwarek. U int ghamilt dak li ghidtlek: habbejt u gibt uliedi fid-dinja: habbejt u ghax habbejt soffrejt; int habbejt u minhabba f'hekk dulur nifed lil qalbek; issa tinsiex kien hemm mara ohra li bhalek xorbot il-hall qares tal-hajja, u din il-mara baqghet sodu u wieqfa. Ghaliex tibza' jew taqta' qalbek. Jiena nhobbok. Jien ghandi fiducja fik jien naf li inti jekk trid kapaci twettaq dak kollu li ghadda minn ghalik anke ghat-tieni u t-tielet darba. Hares lejn ommi Marija afda qalbek maghha, uriha bil-problemi tieghek u hija twennsek u tinsa' qatt li anke jien kont ghidtlek kemm il-darba, lilek u lin-niesek kollha: Ejjew ghandi intom li tinsabu imhabbtin u imtaqqlin u jiena nserrahkom. Ghaliex ~~ghalhekk~~ qed tibza'. Tahseb int li wara li sirt qaddejja tieghi u taghmel dak kollu li rridek taghmel jien ser ninsik jew inwarrbek? Ma tarax....anke jekk jinsewk tieghe' jien ma ninsiek qatt.

BAZILIKA SAN GORG

Novena tal-Milied 1986

Hsebbiiet ta' qabel il-Benedizzjoni: PERSONAGGI

.....

9 JUM GESU' OKBJKEN TARBIJA

Gesu': Uliedi, kemm qed inhossni kuntent, narakom hawnhekk quddiemi: hu veru li d-dinja hija miggielda mieghi, u nies ta' bla qalb jehduha kontra tieghi u jidghu bija, anke jekk jiena ma nahti xejn. Izda meta niftakar fikom jiena nhoss qalbi tfur bil-ferh.

Intom lili thobbuni: u matul dawn il-jiem gejtu hawnhekk biex lili titolbu u mieghi taqsmu dak kollu li kien ghaddej minn ghalikom. Intom wennistuni u nessejtuni l-kesha ta' qlub bierda li lili warrbuni. Intom kellimtuni u bi kliemkom farragtuni. Jiena naf li ridtu thejju ruhkom sewwa ghal-festa tal-Milied. Ghalhekk kuntent bikom.

Vuci 1: Ahna kieku gejna, izda ma kellna xejn x'noffrulek; gejna u gibna il-problemi taghna; gejna u kaxkarna maghna hajjitna, bit-tlajja u bl-insul taghha; gejna u geddidna dak kollu lighadda minn ghalina. Il-ferh u n-niket taghna.

Vuci 2: Gejna u tlabna; gejna u ttamajna; gejna u nbdilna. Ghaliex fl-ahhar mill-ahhar dan hu li jfisser il-milied: bidla mill-qiegh ta' kull wiehed minna. Int tridna nigu hdejk, u tridna nkunu tieghek. Izda inti trid tghinna. Idejk miftuha, ghalkemm nkejknin jimlewna bil-kuragg: int tibqa' tilqaghna, int tibqa' tghaqqna mieghek. Kif nitolbuk, il-lejla gesu': Hu hsiebna int, hu hsieb il-familji kollha taghna, il-parrocca taghna id-djocesi taghna.

Gesu': Uliedi, jiena ghalhekk gejt fid-dinja. Ghalhekk sirt ekjken tarbija. Ghalhekk sirt bniedem bhalkom. Jiena ridt nigbidkom lejja. Il-grotta tieghi miftuha bersah. Jehtieg biss li wiehed biex jidhol fiha jridu inizzel rasu u jilbes l-umilta'. Jien dan li nistenna minghandkom li tkunu milija bl-imhabbe u thobbu lil xulxin bhalma habbejtkom jien. Jien dan li rrid minghandkom li tibdu lil Missieri u taraw li ir-rieda tal-Missier hija ukoll ir-rieda taghkom. Jiena dan li rrid minghandkom li tkunu thobbu il-faqar, ghax il-fqir ghandu post sgur fis-saltna tieghi. Taqtghux qalbkom mill-persekuzzjonijiet, u minn minn jeholqilkom ingustizzji kontra taghkom: ghalikom hemm hlas kbir fissema. Ejjew ilkoll, u gibu maghkom lill-kulhadd: ejjew u idhlu fil-grotta ta' Betlem, biex bhalma ir-rghajja u l-magi hargu mibdula biex bhalma Guseppi u Marija komplew sbiehu bil-qdusija hekk anke intom, ilkoll kemm intom tkunu qaddisin fis-saltna tad-dawl hemm gewwa is-smewwiet.